**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 944/97

Carmel Tonna

vs

Kmandant Forzi Armati ta' Malta

Illum 15 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 u l-1992 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni ghall-grad ta' Surgent.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent ilu ma' l-Armata ghal madwar 26 sena u ilu fil-grad ta' Bumbardier ghal madwar 16 il-sena. Kemm ilu fl-Armata, ir-rikorrent

dejjem qeda dmiru b'lealta, qatt ma kellu rapporti hziena, anzi dejjem kellu kliem ta' tifhir mis-Superjuri tieghu.

Ir-rikorrent ghandu s-2nd Class Education, A1 Vehicle Mechanic, B111 Storeman u First Aid Instructor u hu kemm-il darba kien rakkomandat ghall-promozzjoni.  Madankollu ghalkemm ghandu l-esperjenza, il-kwalifiki u s-servizz daqs u iktar minn dawk li hadu l-promozzjoni, ir-rikorrent qatt ma nghatatlu l-promozzjoni ta' Surgent.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat il jinghata l-promozzjoni ta' Surgent mid-data msemmija aktar il-fuq, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi sew fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 kif ukoll f'dawk li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 ir-rikorrent kien inqas ikkwalifikat minn dawk *junior* tieghu u illi gew promossi.

Illi c-certifikat tal-edukazzjoni msemmi mir-rikorrent cioe' l-Army Certificate of Education Class 2 gabu fis-26 ta' Lulju 1996 u ghaldaqstant ma jistax ir-rikorrent jippretendi li fiz-zmien tal-promozzjonijiet li hu qed jirreferi ghalih dan seta jittiehed in konsiderazzjoni.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal- Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe', l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni prefrenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma li lehaq Bumbardier b'wahda fl-1981 u sar Bumbardier bi tnejn fl-efficiency bar, jigifieri awtomatikament u mhux bi promozzjoni. Semma li fil-promozzjonijiet tal-1988 hadu l-promozzjoni juniors tieghu filwaqt li hu ma hadhiex u semma lil Bumbardier Abdilla Numru 6104, lill-Bumbardier Sant Numru 6145, Bumbardier Fenech Numru 6085 u Bumbardier Camilleri Numru 6076.

Fl-1992 regghu hargu l-promozzjonijiet l-ohrajn u din id-darba kienet aghar ghalih meta rega' ma hax il-promozzjoni. Regghu qabzuh juniors tieghu bhal Bumbardier Fabri Numru 6081, Bumbardier Micallef Numru 6129, Bumbardier St. John 6111 u Bumbardier Cassar Numru 6191.

In-kontro ezami r-rikorrent xehed li llum il-gurnata ghandu First Class Army Certificate of Education, pero` sal-1992 kellu Third Class. Ikkorega dak li qal fl-affidavit tieghu fejn semma li xi nies kellhom kwalifiki differenti u semma li fil-fatt bicciet minnhom kellhom kwalifiki superjuri ghal dak li indikajt r-rikorrent.

Lt. Col. Schembri ipprezenta kopja tal-promozzjonjiet li saru b` effett mill-11 ta` Mejju 1988 minn bumbardier ghal surgent fit-tieni regiment. Fit-tieni pagna jidher isem ir-rikorrent bumbardier Tonna shaded bil-griz

mhux ghax ha l-promozzjoni imma biex juru postu li kieku ha l-promozzjoni dak in-nhar.

Esebixxa wkoll dokument iehor li juri l-promozzjonijiet li saru b` effett mill-20 ta` Jannar 1992. Isem ir-rikorrent jidher shaded bil-griz biex nuru postu fil-lista li kieku ha l-promozzjoni dak in-nhar.

Il-Kurunell Cutajar xehed li jiftakar lil Carmel Tonna sewwa ghax kien ghamel zmien twil tahtu. Fl-ahhar tas-sena 1991, talbuh biex jissottometti lista bl-ismijiet ghall-promotions. Ghamel lista ta' 20 tar-Regiment tieghu u eventwalment Tonna kien in-numru 11. Mill-lista li tahom lahqu 9, u tnejn ma jafx minn fejn. Mill-1 sad-9 fil-lista tar-rakkomandazzjnijiet tieghu saru kollha waqt li l-10 u l-11 ma sarux. Il-11 huwa r-rikorrent. It-12 rebahha quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji. It-tnejn l-ohra li kienu saru ma kienx irrikmandahom hu, pero` xorta wahda saru - St. John u l-iehor Nardu Cassar.

Fil-kaz tal-1988 ma kellux x' naqsam. L-impressjoni generali tieghu fuq ir-rikorrent hija li huwa tajjeb.

Esebixxa silta mir-records tar-rikorrent li fih nuru meta dahal fis-servizz, x' postings kellu, education u affarijiet ohra rigward promozzjonijiet u courses li ghamel. Anness mal-ittra hemm ukoll record ta' numru ta' granet sick leave kif ukoll granet li kien excused minn xi xoghol partikolari ghar-rigward ta' snin mill-1986 sal-1995. Bi spjega ghal dan id-dokument fejn tidher l-ittra C wara d-data, dik tindika li r-rikorrent ikun attwalment sick id-dar, ma jkunx qieghed ghax-xoghol. In-numru li

jigi ezatt wara l-ittra huwa n-numru ta' granet li jkun inghata sick. Fejn tidher l-ittra B ifisser li r-rikorrent ikun qieghed ghax-xoghol imma jkun skuzat milli jaghmel xi xoghol partikolari kif ikun indikat fl-istess sentenza. Fejn jidhru l-ittri M u D jigifieri li r-rikorrent ikun qieghed ghax-xoghol u jkun inghata medicina biss.

Esebixxa wkoll il-Confidential Report li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Marzu 1989 sat-28 ta' Frar 1990. Fih ir-rikorrent qieghed jigi rikmandat ghal Surgent ghalkemm m' ghandux il-kwalifiki necessarji. L-istess rapport huwa endorsed mis-C.O. ta' dak ir-regiment li dak iz-zmien kien Lt. Col. Sansone bid-data ta' Marzu 1990. Esebixxa l-Confidential Report li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Marzu 1990 sat-28 ta' Frar 1991. L-istess ir-rikorrent qieghed jigi rikmandat ghal Surgent pero` bil-kwalifika li mhux kwalifikat ghall-promozzjoni. B' rizultat ta' sick leave fit-tul li kellu r-rikorrent kienet inhasset il-htiega li jigi assessed minn bord mediku. Dan sar fl-1989 u fil-fatt kien instab tajjeb biex jaghmel id-duties militari kollha.

Fl-1987 ir-rikorrent kien instab hati skond kif muri fil-conduct sheet Dokument "MS7" – making a false entry in a service document purporting to show that he was awarded one month off duty.

Fir-rigward tal-promozzjonijiet tal-1992 dawk kollha li saru Surgenti u li kellhom anzjanita` inqas mir-rikorrent kollha kellhom class of education ahjar minn tar-rikorrent. Ghar-rigward tat-trade wiehed kellu trades fi grad anqas, Bumbardier St. John waqt li l-ohrajn kellhom ekwivalenti jew aktar.

Ir-rikorrent gab l-Class 2 Education fl-1996 u l-First Class Education gabu fl-1999.

Fl-1976 kienu nhargu l-istanding orders tal-Forzi Armati ghar-rigward tal-promozzjonijiet u wahda mir-rekwiziti kienet li biex wiehed minn Bumbardier isir Surgent ikollu Class 2 education. Mhux dejjem giet ezegwita. Fl-1992 kienu l-istess regolamenti.

Fil-kaz tal-1988 ma kien hemm ebda iehor minn dawk li gew moghtija promozzjoni li fil-fatt kellu xi severe reprimand kif kellu r-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET**

Illi r-rikorrent ilmenta li kemm fil-promozzjonijiet tal-1988 u dawk tal-1992 ma hax il-promozzjoni ghal Surgent. Semma li qabzuh diversi nies li kienu juniors tieghu.

Meta wiehed janalizza l-iskeda tal-promozzjonijiet tal-1988 wiehed isib li r-rikorrent gie maqbuz minn tlieta juniors tieghu. Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi

stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Izda meta wiehed jara l-iskeda relattiva ghal 1988 isib li t-tlieta li qabzu lir-rikorrent tnejn kellhom ACE 1 u wiehed 2 waqt li r-rikorrent kellu 3. Trid titqies ukoll il-clean conduct sheet tal-ohrajn. Ghalhekk dwar l-promozzjonijiet tal-1988 it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Dwar il-promozzjoni tal-1992 ir-rikorrent gie maqbuz minn hamsa juniors tieghu. Hawn ukoll erbgha kellhom ACE 1 u wiehed 2 waqt li r-rikorrent 3. Ghar-rigward trades wiehed kellu trades fi grad inqas – St John – waqt li l-ohrajn kellhom l-istess jew ahjar. Ghalhekk anke f’dan il-kaz l-ilment tar-rikorrent mhux gustifikat u t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.